# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

**Il-Pulizija**
**(Spettur Eman Hayman)**

**Vs**

**Augustino Camilleri**

**Kawza tad-Distrett tal-Imsida**

Illum, 19 ta`Gunju, 2024

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra **Augustino Camilleri** iben Joseph u Josephine xebba Smith, imwieled Zejtun 16/07/1963 u residenti 44, Eros, Triq il-Kapumastru, Zejtun detentur tal-karta tal-identita' numru 380863 M akkuzat talli fit-tlettax ta' Mejju tas-sena elfejn u tlieta u ghoxrin (13/05/2023) ghall-habta tal-hinijiet bejn is-13:00hrs u s-14:00hrs waqt li kont gewwa l-Imsida:

1) Ingurjajt jew heddidt lil Viktor Hristov jew jekk kont provokat, ingurjajtu b' mod li hrigt barra l-limiti tal-provokazzjoni;

2) U aktar talli ghad li kellek il-jedd li twiddeb lil haddiehor u hrigt barra l-qies.

Il-Qorti hija mitluba, biex tipprovdi ghas-sigurta' ta' Viktor Hristov, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, tapplika l-provedimenti tal-artikoli 382A u 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-affidavit ta' PS 228 G Farrugia ezebit mat-tahrika tal-kawza; semghet ix-xhieda ta' Viktor Hristov bil-lingwa Ingliza fis-seduta tal-29 ta' Novembru, 2023; semghet ix-xhieda ta' Ramona Darmanin fis-seduta tal-29 ta' Novembru, 2023; semghet ix-xhieda bil-gurament tal-imputat fis-seduta tal-29 ta' Novembru, 2023.

Rat li fis-seduta tal-29 ta' Novembru, 2023 l-partijiet qablu li jintwera l-filmat ezebit Dok AC, u d-difiza ipprezentat ritratt Dok AC 1;

Rat li fis-seduta tal-29 ta' Novembru, 2023 il-prosekuzzjoni ghalqet il-provi, il-Qorti semghet ix-xhieda tal-imputat u wara li saret it-trattazzjoni tal-partijiet iddifferiet il-kawza ghas-sentenza.

Rat l-artikoli 339( e), 339 (h), 382A u 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti, ix-xhieda u l-atti kollha tal-kaz.

Ikkunsidrat,

Xhieda tal-prosekuzzjoni

**Affidavit ta' PS 228 G Farrugia** ipprezentat mat-tahrika tal-kawza redatt bil-lingwa Ingliza. Jiddikjara bil-gurament li fit-13 ta' Mejju 2023 ghal habta ta' 14:00 hrs waqt li kien stazzjonat fl-ghassa tal-Msida dahal rapport minn certa Viktor Hristov, dwar insulti u theddid li sehhew fi Triq l-Esperanto, Imsida. Hristof fil-verzjoni tieghu qal li dak in-nhar stess ghal habta ta' 3:55hrs, kien bil-mutur tieghu u ipparkja wara van abjad fi

spazju tal-parkegg intiz ghal muturi meta kien avvicinat minn ragel li kien verbalment aggressiv lejh.

Dan ir-ragel kien susegwentement identifikat bhala certu Augustino Camilleri li inghata d-dritt li jkellem avukat. Hu informa lil pulziija li ser ikellem lil avukat tieghu qabel jaghti l-verzjoni tieghu tal-fatti. Fil-25 ta' Mejju 2023 ghal habta ta' 09:36hrs hu rrapporta l-ghassa akkompanjat mill-avukat tieghu Dr O. Degiovanni u xhud ghal kaz tieghu.

**Victor Hristov** xehed bil-lingwa Ingliza fis-seduta tal-29 ta' Novembru 2023. Xehed li f' Mejju 2023 kien qed jipprova jipparkja '*in a designated parking spot'* gewwa l-Msida. Il-parking spot kien ostakolat b' delivery van li kien ipparkjat illegalment f' nofs it-triq. Jixhed

> "Wit: Msida, so I was trying to park in this parking spot which was obstructed by illegally parked vehicle in the middle of the road. The vehicle was unattended I parked behind the vehicle use my signal basically to alert anybody around nobody turned up, so waited for a few minutes when the defendant drive with another person"

Ix-xhud jindika lil imputat. Jixhed li l-imputat

> "Wit: And obviously there was a verbal altercation whereby he told me I shouldn't be stopping behind the vehicle, I should remove my I was riding motorcycle, so I should remove my motorcycle immediately, so on and so on, which I, we actually had words before so this is not the first occasion and it's not the last occasion this pot is being obstructed quite often. I've contacted the police.

Fuq id-dinamika tal-akkadut jixhed

> "Pros: Yes, this was the first conversation we had so on the first conversation was remove your vehicle was said no because you keep obstructing this spot, I'm going to alert the police, I called MC, the police station it rang, for a while, nobody picked up the phone, at which point he instructed the driver to start manoeuvring, although I was parked behind the vehicle. So at that point I took my mobile phone out, started filming because I was afraid that the vehicle will actually hit my motorcycle and me sitting on the top of it. Once the driver got

out of the spot, he came to me, he started shouting, being abusive, waving his finger in my face."

Ix-xhud jezebixxi l-video li ha waqt l-incident li jinstab ezebit in atti. (Dok AC)

Mistoqsi in kontro-ezami. Ix-xhud jispjega li hu kien wieqaf bil-mutur wara l-van. Jghid li ma kienx ipparkjat ghaliex kien hdejh. Jikkonferma li ftit il-fuq hemm il-bini tal-Matsec. Mistoqsi jekk l-imputat qallux li kienu sejrin ghal ezamijiet jichad li qallu hekk.

Ix-xhud jindika fuq ir-ritratt ezebit dok AC 1 fejn kien ipparkjat id-delivery van u fejn kien il-mutur tieghu. Mix-xhieda jirrizulta li l-van kien ipparkjat f' nofs it-triq u hu ried jidhol jipparkja fil-parking space ghal Muturi. Jichad li l-mutur tieghu kien qed jibblokja l-van ghaliex l-van telaq eventwalment minn fuq is-sit. Ix-xhud baqa' biswit il-mutur imma ma nehhiehx.

**Ramona Darmanin** xehdet fis-seduta tad-29 ta' Novembru, 2023. Ix-xhud tahdem fl-ufficju tal-Matsec. Dak in-nhar tal-akkadut kien il-gurnata tas-Sibt u kien hemm l-ezamijiet tal-Ingliz fil-livell ordinarju u fil-livell avvanzat (O' Levels u A' Levels). Tispjega li l-Matsec ghadna store li qiegħed next il-gate tal-Universita u ġie il-vann ta- fast drop sabiex jigbor il-karti tal-ezami biex jinqasmu f' diversi centri tal-ezamijiet madwar Malta. L-ezamijijiet kienu skedati li jibdew fl-16:00 hrs.

Dak in-nhar kien hemm l- aħħar vann fast drop bil-karti ta' l-eżamijiet ta' filgħodu u ried jiġbor ta' filgħaxija u huma riedu jiccekjaw ix-xoghol u jnizzluhom l-istores.

Ix-xhud giet murija r-ritratt Dok AC 1 u tikkonferma li l-vann kien ipparkjat fejn hemm il-linja. Tghid li hija kienet akkumpanjata mill-imputat li qed taghraf fl-awla. Tixhed:-

"Xhud: U jiena tlajt qablu għax hu kien qed isakkar il-bieb u sibt dan ir-raġel lanqas naf x'jismu hemm ipparkjat eżatti mal-vann u għedtlu kien għadu kemm wasal kien għadu bil-helmet u kollox u għedtlu skużani jimporta tressaq naqra l-vann ghax ma nistghux noħorġu u qabad jgħajjat miegħi qalli ħa nċempel lill pulizija ċempel lill pulizija għedtlu jien kulma qed ngħidlek kemm tressqilna naqra l-mutur halli nersqu. U baqa' jgħajjat insomma sadanittant tela' Augostino u meta rah qed jgħajjat mieghi qalli ersaq fil-ġenb qalli ha nkellmu jien U kompla jikkomplejnja għajjat u Augustine u qallu rridu mmorru għax għandna l-eżamijiet jibdew fl-4.00."

Dak il-hin hija resqet lejn l-ufficju u ma semghetx id-diskors li kien qed isir bejn limputat u l-kwerelant.

Provi Difiza

**Augostino Camilleri,** l-imputat, xehed fis-seduta tal-29 ta' Novembru, 2023.
Jikkonferma li r-rittratt mmarkat Dok AC 1 hadu hu.
Jixhed li hu jahdem il-Matsec u flimkien max-xhud Ramona Darmanin, xogholu hu fost affarijiet ohra li jissorvelja li l-karti tal-ezamijiet jibghatu fic-centri.

Dak in-nhar tal-incident kienu s-saghtejn daqqu u kienu qed inizzlu x-xoghol go vann tal-kiri u d-driver kien ghassa mal-vann.
Kien ghad fadal x' jitnizzlu xi zewgt pakketti. Jixhed:

> "kien hemm ix- xhud u telghet u rat il-mutur wara il-vann ovvjament jiena sakemm għalaqt il-bieb u tlajt ma kien hemmx bogħod imbagħad l-argument fil-bidu dak il filmat tiegħek. jiena nista' ngħid xi ħaġa huwa l-aħħar biċċa tal-istorja, L-aħħar biċċa tal- istorja mela is-sinjur kien ilu joqgħod fejn il-Matsec hekk eżatt għal dawn l-aħħar sena jew seba' xhur jiġifieri qal li ma kienx jaf li huma eżamijiet ma nistax nifhimha. Barra minn hekk meta tlajtu jiena imbagħad ħadt over mis-sinjura.
>
> Qorti: X' ġara qabel ħalli forsi nifhem il-kliem hemm qieghed.
>
> Avu: X'ġara inti jgħidilna mela inti tlajt mort fuq?
>
> Xhud: Ghedtlu jimporta issuqilna l-vann le I call the police I call the police jien bdejt naghmillu ghandna l-ezamijiet u we are running late veru it was running late. Qalli le qalli jiena meta jigu l-police mhux se nnehhi il-vann, Jiena d-dover tiegħi kelli 4000 student imqassmin ġo l-iskejjel li jaslu l-eżamijiet sa nofs siegħa. Għamilt il-manuvri kollha li stajt il-vann biex noħorġu ovvjament kien hemm dak il-clash li rajna. Jiena li għedtlu stupid jew silly kif ghedt il-kelma ma nafx u theddida li qal li forsi għad jiena kienet għedtlu if you park the car in the University area I clamp you dik hija r-regolament tal- Università."

Jghid li dak li qal qalu b' rabja.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat gie akkuzat talli (i) Ingurjaja jew heddidt lil Viktor Hristov jew jekk kont provokat, ingurjajtu b' mod li hrigt barra l-limiti tal-provokazzjoni; (ii) U aktar talli ghad li kellek il-jedd li twiddeb lil haddiehor u hrigt barra l-qies.

Il-Qorti wara li semghet ix-xhieda u rat id-dokumenti ezebiti b' mod partikolari il-filmat Dok AC fejn jinstema car l-kliem li l-imputat qal u uza fil-konfront tal-kwerlant tqis li z-zewgt imputazzjonijiet gew ipprovati.

Ikkunsidrat

Illi l-imputazzjonijiet li gie akkuzat taghhom huma it-tnejn kontravenzjonijiet. Dwar il-piena l-Qorti qed tiehu in konsiderazzjoni li dak in-nhar tal-incident l-imputat kien taht pressjoni peress li kien inkarigat sabiex karti tal-ezamijiet jitilqu mill-Matsec u jitghabbew go vann li kien wieqaf f' nofs ta' triq u li l-kwerelant kien wieqaf wara l-vann li kellu jimmanuvra biex jitlaq minn fuq is-sit.

Il-Qorti wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz i hija tal-fehma li ma hemmx l-estremi li tigi applikata l-Art 382 A u l-artikoli 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

**Decide**

Ghaldaqstant, wara li rat l-artikoli artikoli 339( e), 339 (h), 382A u 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lil imputat **Augostino Camilleri** hati taz-zewgt imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal twiddiba u canfira.

Il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol, l- Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien m'aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**

**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**